Pok. 2.

| ODZ POLICY AND DESIGN GUIDANCE<br><br>**Comments and suggestions by Alfred E. Baldacchino**<br>DPA.; Dip. Env. Sc.; PG Dip. Env. & Mangt.; MSC (Env. Plan & Mangt) |
|---|
| Wara li qrajt id-dokument *ODZ Policy and Design Guidance* imħejji mill-MEPA f'Jannar 2014, mibgħut lili fl-4 ta' Marzu 2014, li qed jiġi diskuss mill-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, qiegħed nagħmel l-evaluazzjoni u suġġerimenti biex dawn bil-għan li dawn iwasslu biex din il-politika tkunu waħda sostenibbli mingħajr impatti negattivi soċjali, ekoloġiċI u ekonomiċi. |

| Taqsima | Kummenti/suġġeriment | MEPA COMMENTS |
|---|---|---|
| **Glossarju** | Hemm xi termini u referenzi ta' Awtoritajiet li għandhom jidħlu fil-glossarju kif indikat aktar 'l isfel. | |
| | *Ecological, scientific, cultural, archaeological, landscape and scenic value:*<br>Ma hemm l-ebda referenza għall-i*Special Protection Areas* u *Special Conservation Areas* li t-tnejn jifformaw in-Natura 2000 sites skont l-obbligi tal-EU. Meta f'din il-politika dawn iż-żoni, mal-ispeċi li jħaddnu huma l-aktar li jistgħu jigu milquta negattivament, ma narax għaliex dawn għandhom jitħallew barra.<br><br>Inħoss ukoll li l-kelma **biodiversità** hija neqsa kompletament mid-dokument u għall-istess raġuni għandha wkoll tiġi miżjuda fil-glossarju u fit-test, skont id-definizzjoni li tingħata fil-*Convention of Biological Diveristy* li Malta hija msieħba fiha, u li fuqha hemm ukoll Deciżjoni tal-EU. | Policy 1.2G deals with these specific sites, rrefer to the para beneath the policy.<br><br>The scope of this document was the revision of the 3 docs. Biodiversity was never mentioned. |
| **Introduzzjoni** 01. | *Proposal which are not addressed by this policy document may be considered on their own merits by the relative entities if it is felt that the propoosals will generate an imporvement to the area where it is located.*<br><br>Liema huma l-entitajiet relevanti, u kif dawn il-propposati mhux inklużi fil-dokumenti jistgħu jtejbu ż-żona fejn hija lokata. Dawn jinkludu biss żvlipp kummerċjali jew jinkludu wkoll titjib fil-biodiversità, fl-ekonomija u fil-qasam soċ1jali b'mod sostenibbli? | As mentioned in the sentence before the quoted one, the policy shall be used by the deciding body on development planning applications. |
| 0.4 | *...most of the countryside owes its character to agriculture.*<br>Jekk wieħed jieħu dan bħala bażi tad-dokument, allura l-impatt negattiv ekoloġiku sejjer ikun kbir. L-impatti negattivi fuq dan l-ambjent naturali li hemm bħalissa, ngħidu ahna l-ilma (tniggiż, użu, abbuż, qerda ta' flora u ta' fawna, tkissir tal-ekosistemi) huma kollha riżultat tal-agrikultura. U jekk wieħed ma jieħux dawn inkonsiderazzjoni allura dawn sejrin imorru mill-ħazin għal agħar. | The level of scheduling has been included in each of the policies. Infact areas of ecological importance have been protected. |
| 0.11 | *Various other European and national obligations do not have a direct influence on the land use planning system*<br><br>Huwa żball kbir li wieħed jaħseb hekk. U dan il-ħsieb huwa rifless fid-dokument kollu. Kemm il-*Habitrats Directive* kif ukoll il-*Bird Directive*, kif ukoll it-trasposizzjoni tagħhom f'regolamenti nazzjonali għandhom obbligi li jindirizzaw l-użu tal-art. Dan biex ma nsemmux direttivi oħra bħall- *Water Framework Directive* u l-*Nitrate Directive*, kif sejjer ukoll nirreferi aktar il-quddiem. | The first paragraph of 0.11 clearly states that this document takes account of environmental obligations eg EIA's and conservation of SAC's and SPA's. |

| | | |
|---|---|---|
| 0.20 | *MEPA will monitor the operation and implementtion of the polcies of this document and will periodically review them to ensure that they will remain up to date and effective.*<br><br>Hawnhekk qed tintefa' responsabbiltajiet fuq il-MEPA liema responsabbiltajiet la huma tagħha u lanqas sejrin ikunu tagħha fil-futur qarib, dejjem skont il-Programme Elettorali tal-Gvern.<br><br>Wieħed jistenna li minn hin għall-ieħor il-MEPA ma jkollhiex x'taqsam mar-risponsabbiltajiet tal-Ambjent. U kif indikat fid-dokument dawk tal-Agrikoltura, dawk tas-Saħħa u dawk tal-Riżorsi, bħall-ilma u ħamrija qegħdin taħt ir-responsabbiltà ta' entitajiet oħra.<br><br>Xhini r-raġuna li l-MEPA qed tassumi dawn il-responsabbiltajiet meta kulħadd jaf li fejn jidħol l-enforzar tal-ligi l-MEPA kważi kważi hija noneżistenti, aktar u aktar meta dawn ma humiex taħt l-obbligi legali tagħha. U meta wieħed jara n-nuqqas ta' interess fl-ambjent li sal-lum il-MEPA għadha risponsabbli tiegħu, wieħed jistenna affarijiet li xejn mhu sejrin ikunu sbieħ kemm għall-ambjent kif ukoll għas-soċjetà ġenerali. | As already stated in the glossary MEPA has been defined as Malta Environment and Planning Authority or its successor. This was imposed with the separation of the Planning and the Environment in mind. |
| 0.21 | *There may be a particular circumstances where justified variations from this document will be considered by the decididng body. More responsility has been given to consultees and it is expectedthat the report submitted, by the consulting body proves sufficient justification when departing from the policy document.*<br><br>Meta wieħed iqis li ma hemm l-ebda definizżzjoni ta' minn huwa l-*deciding body*, u wieħed jara li l-ġustifikazzjoni tiegħu tkun biżżejjed, mingħajr ma wieħed jispjega minn min sejjer ikun kompost dan id-*deciding body*, hawnhekk wieħed jista' faċilment jikkonkludi li d-*deciding body* jiddeciedi favur il-proposta u mhux kontra.<br><br>Barra minhekk il-*consulting body*, f'hiex sejjer ikun ikkwalifikat: fl-iżvilupp, fl-agrikultura, fl-ekoloġija, fil-qasam ekonomiku, fil-politika, jew fil-qasam soċjali. Fl-opinjoni tiegħi jekk dan il-*deciding body* ma jkunx kompost minn dawn ir-rappreżentanti kollha, allura id-deċiżjoni bilfors sejra tkun waħda meħuda barra u mbagħad approvata mill-dan id-*deciding body*. | It is assumed that the deciding body shall be composed of people with integrity who can justify its decisions<br><br>Consultations shall be made with the relevant consultees as mentioned in each policy. |
| **PART 1:** | **GENERAL POLICIES AND OBJECTIVES** | |
| 1.1.2 | Meta wieħed jaqra dan il-paragrafu wieħed jara kemm il-qasam tal-biodiversità ma ngħatax attenzjoni, biex ma ngħidx li tħalla barra għalkollox. Għaliex ma hemm l-ebda ekoloġista jew *environmental manager*, meta l-ODZ huma mħarsa speċifikament minħabba l-ekosistema importanti tagħhom? | Biodiversity in terms of social and environmental benefits are mentioned. |
| 1.1.2 | *Development which requries a rural location is carried out in a sensitive manner and in a suitable locations, while contributing to an overall imporvement of the rural environment for the benefits of society and the local rural economy.*<br><br>Hawnhekk terġa tispikka n-nuqqas ta' importanza mogħtija lill-biodiversità li hija nieqsa kompletament. Jekk din hijx nieqsa | Same as above. Also as stated in |

| | | |
|---|---|---|
| | minn dan id-dokument bi żball, jew inkella bħala nuqqas ta' għarfien tagħha ma nafx. Imma dan semmejtu anki fl-aħħar laqgħa fejn għidt, mingħajr ma kont għidna qrajt id-dokument, li l-argumenti kollha li nġabu kienu neqsin b'mod allarmnati f'interess tal-biodiversità f'dan id-doklument li jiffoka aktar biex jaqdi żvilupp dejjaq milli żvilupp sostenibbli li ma jkollox impatt ekoloġiku, soċjali u ekonomiku. | one of the objectives, a balance between the planning and the environment has to be ensured. |
| **General Policies** | **NATIONAL POLICY PROJECTS** | |
| 1.2.A | Hawn jidher in-nuqqas ta' referenza għall-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, kif tidher u tinhass mad-dokument kollu. Qisu ma hemm l-ebda ħeġġa biex l-ambjent u l-biodiversità ikolhom x'jaqsmu tad-deċiżjonijiet ta' dan l-ivilupp. Dan minbarra li konsultazzjonijiet pubbliċi ma jissemmewx imkien. | |
| 1.2.B.(1) | Lanqas hawn ma hawn ebda referenza għall-Awtorita' għall-Ħarsein tal-Ambjent li hija waħda mill-awtoritjiet ewlenin li tinteressaha u li tagħti sehemha f'din il-policy fl-ODZ. | |
| **1.2D** | **SOIL CONSERVFTION AND MONITORING** | |
| 1.2.D | Hawnhekk tissemma Awtorità li kif ġbidt l-attenzjoni qabel 1.2.B.(1), ma hemm l-ebda definizzjoni minn hi jew minn min hi magħmula. Aktar u aktar meta fil-ġranet li ġejjin wieħed jistenna li l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent sejra tkun separata mill-MEPA.<br>Hemm xi raġuni għaliex din l-Awtorita għall-Ħarsient tal-Ambjent ma tissemma kważi xejn? Dan bilfors iwassl għall-ħsibijiet li jinkwetaw lill-dawk l-istakeholders li għandhom l-għan li l-ambjent nazzjonali jiġi mħares minn attivitjaiet kummerċjali. | As per glossary The Authority is MEPA or its successor, as explained above. |
| **1.2.F** | **PROTECTED SPECIES AND THEIR HABITATS** | |
| | Anki hawn fejn l-Awtorità Kompetenti f'dan il-qasam anki kif magħrufa mal-Unjoni Ewropea hija l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, ma tissemma xejn. Għaliex dan il-nuqqas ta' għarfien għall-bżzonn tal-ħarsien tal-biodiversità, u f'qasam fejn suppost hemm Awtorita Kompetenti f'dan il-qasam. | Policy 1.2G considers all the Protected Areas. |
| **PART 2.** | **FARM DWELLINGS AND AGRICULTURAL BUILDINGS** | |
| **2.2.A** | **New farm dwellings for livetock farmers** | |
| 2.2.A.(1) | Hawnhekk tissemma l-*Agriculture Advisory Committee.* Dan min hu? Ma hemm l-ebda definizzjoni tiegħu fil-preambolu. Għaliex? Min min hu kompost?<br><br>U anki hawn terġa tispikka n-nuqqas tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent. Hawnhekk bdejt naħseb li dan huwa żball bil-ħsieb, aktar u aktar meta din l-Awtorità hija l-Awtorità Kompetenti magħrufa mill-Unjoni Ewropa għall-*Environment Acquis,* f'dan il-qasm l-aktar il-*Water Framework Directive.* Ma tantx jidher li kien hemm diskuzzjoni wiesa' jew fit-tul mal-esperti tal-Gvern fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent u tal-biodiversità. U hawn ma nagħtix tort lil min qed jaħseb ħazin, inkluż jien. | Terms of reference of the AAC have been submitted.<br><br>Policy 2.2A(7) considers scheduled areas for dwellings outside the farms. Within the actual livestock farm there is no scope because the land is already committed. |
| 2.2.A.(3) | Huwa ferm importanti li rziezet tal-annimali ma jkunux qrib jew f'*water catchment areas* li jisqu il-ħażna tal-ilma taħt l-art, kemm | Consultation has been made with the MRA and its |

| | | |
|---|---|---|
| | dak ta' fuq kif ukoll dak tal-pjan. Imma ma hemm l-ebda referenza jew kondizzjoni li tissalvagwardja dan ir-riżors. | concerns included in the relevant policies. |
| 2.2.a.(9) | U jekk dan ikun ta' imnportanza għall-ilma tal-pjan? Dan huwa wieħed mill-perikli li l-bord konsultativ ma għandux ikun magħmul biss mill-agrikultura li la għandhom responsabbilta' legali f'dan il-qasam u lanqas esperjenza. | As mentioned in the policy consultation shall be made with the MRA. |
| 2.2.A. conclusjoni | Dan ifisser li rziezet tal-bhejjem jistgħu jkunu mqabbda mad-dranaġġ pubbliku? | This policy deals with dwellings not farms. |
| **2.2.B.** | **FARM DWELINGS FOR ARABLE FARMERS** | |
| | Hawnhekk jerġa jissemma l-*Agriculture Advisory Committee.* Hawnhekk ukoll mhux ċar min min huwa magħmul minħabba li ma hemmx definizzjoni tiegħu, kif ikun hemm f'kull dokument. | Same as above. |
| **2.3** | **AGRICULTUREAL BUILDING FOR LIVESTOCK FARMERS** | |
| **2.3.A.** | **Existing livestock farm units (including pre-1994 farms)** | |
| 2.3.A.(2) | Hawnhekk jerġa jispikka n-nuqqas ta' referenza għall-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, li hija l-Awtorità Kompetenti għall-obbligi ta' ċerti responsabbiltajiet tad-Direttivi tal-UE. | No consultation because the policy deals with existing already permitted farms. |
| 2.3.A.(3) | Mingħajr dubju l-Awtoritaà tar-Riżorsi għandha tidhol minħabba l-obbligi tal- *Water Fraemwork Directive* tal-UE, kif ukoll l-Awtorità tal-Ħarsient tal-Ambjent minħabba obbligi simili. | MRA is included as per previous para. |
| **2.3.B.** | **NEW OR RELOCATED LIVESTOCK FARMS** | |
| 2.3.B.(1) | Terġa tispiċċa n-nuqqas ta' referenza għall-Awtorità tal-Ħarsien tal-Ambjent. | Proposals on scheduled land will not be considered as per policy para 2. |
| 2.3.B.(5) | Wieħed għandu jikkonsulta mal- *Water Frameeork Directive* li tiddelinea l-postijiet importanti għall-ħażna tal-ilma. Għalhekk għandha titieħed inkonsiderazzjoni wkoll li mhux biss is-sors minn fejn jittella' l-ilma imma anki s-sors li tipprovdi l-ilma. Ikun għal xejn jekk razzett bħal dan ikun 'l bogħod minn fejn sejjer jittella' l-ilma u mbagħad iniggeż l-ilma f'inħawi li jisqi l-ilma tal-pjan jew lil xi spira jew bir. | The paragraphs 5 and 6 were included after meetings with the MRA. |
| | *Groundwater protection zone.* Ma hemm l-ebda definizzjoni ta' din il-frazi. Din għandha tkun konformi mad-definizzjoni kif imniżżla fil- *Water Framework Directive*, fejn hemm numru ta' obbligi fuq il-pajjiż u kif hija trasportati fir-regolamenti Maltin. | *Groundwater* is included in the glossary (Directive 2000/60/EC, Water Framework Directive). |
| **2.4** | **SLAUGHTER HOUSES** | |
| 2.4.(1) | Terġa tispikka n-nuqqas ta' referenza għall-Awtorità tal-Ħarsien tal-Ambjent. | The slaughter house shall be constructed within an operational farm. |
| **2.5** | **AGRICULTURAL STORES** | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | Hawnhekk tissemma n-*National Agricultureal Policy.* Din għada ma teżistiex u hemm biss rapport. Kif jista' wieħed jikkonforma ma' din il-*Policy* meta din għada ma teżistiex? | |
| 2.5(1) | L-ebda referenza għall-Awtorità tal-Ħarsien tal-Ambjent. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan huwa żvilup f'ODZ. U l-ODZ ma jillimitawx biss il-bini, imma huma importanti għall-biodiversità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent. | Protection of scheduled land as per para. 4 |
| 2.5(5) | Huwa possibbli li f'dan l-iżvilupp ġdid jittieħdu miżuri biex ikun hemm ħażna tal-ilma tax-xita? Dan minħabba li dan ir-riżors, minbarra li huwa skars, u dejjem qed jiskarsa u d-domanda għalih dejjem tikber, l-ilma tax-xita qed jiġi mormi l-baħar jew inkella jiġi provdut minn distillaturi li jagħmluh għoli fil-prezz, u jarmu gassijiet fl-arja li suppost hemm obbligu li nikkontrollaw.<br><br>U minħabba f'hekk hawn inħoss li għandhom jiġu kkonsultati kemm il-*Malta Resource Authority* u l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent li huma l-Awtoritajiet Kompetenti għall- *Water Framework Directive* tal-UE. | The provision of the reservoir could be considered on a case by case basis, especially in cases where there is no basement.<br><br>MRA are one of the consultees as per para. 1 |
| **2.6** | **GREENHOUSES** | |
| 2.6(1) | Anki jekk ikun part time? | Yes. |
| 2.6(3) | Dawn jistgħu wkoll ikollhom impatt negattiv fuq il-biodiversità. U għalhekk importanti li l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent tkun involuta. | Scheduled land is protected as per para 4. |
| 2.6(5) | Is-siġar użati biex itaffu l-impatt viżiv għadhom ikunu siġar indiġeni u mkabbra minn stok lokali. Dan biex ma jiddaħħlux speċi invażi li jwettqu ħsara fil-biodiversità lokali, kif ukoll biex l-istruttura ġenetika lokali ma tkun imniġġza. Dawn it-tnejn huma obbligi li l-pajjiż għandu taħt numru ta' Konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea. | Landscaping shall be considered on a case by case basis as required in para. 5. |
| 2.6(8) | Hawnhekk ta' minn jispeċifika id-daqs tal-ġibjun relatat mad-daqs tas-serra. Ikun inutli li jinbena ġibjun, biex taparsi nbena ġibjun.<br><br>Barra minhekk, ikun għaqli li wieħed jagħmel kondizzjoni mal-użu tal-erbiċidi, insettiċidi, fungiċidi, u fertilizzanti, kollha kimiċi li qed iħallu tant impatt kbir u negattiv kemm fuq l-ispeċi ta' fawna u ta' flora, kif ukoll fuq l-ilma tal-pjan. | Again this is considered on each application.<br><br>A condition may be imposed on a case by case basis. |
| **2.7** | **RESEVOIRS AND PUMP CHAMBERS** | |
| **2.7A** | **Water reservoirs and pump chambers** | |
| 2.7(4) | Hawnhekk fejn tissemma għall-ewwel darba l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent. U hekk għandu jkun. U din għandha wkoll tiġi inkluża kif issuġġerit qabel u aktar 'l quddiem.<br><br>Ta' minn jinnota wkoll li din l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent hwnhekk tissemma b'mod distinta mill-Awtorità għar-Riżorsi Maltin. | MEPA is mentioned because this is a notification and not a planning application. |
| 2.7(5) | Tissemma **Awtorità** li ma hemm l-ebda definizzjoni tagħha u liema | Refer to glossary. |

| | | |
|---|---|---|
| | Awtorità hi. Għalhekk huwa importanti li din l-Awtorità tiġi kwalifikata minn hi.<br><br>Hemm xi raġuni għaliex din il-*pump chamber* ma tiġix kollha taħt l-art jew inkella filata jew tnjen 'l fuq biss? | For easy access and to prevent problems of water penetration. |
| 2.7.1. | Huwa possibbli li dawn il-*pump chambers* ikunu miksija bil-pjanta Maltija Liedna, biex ma jkunux ta' impatt negattiv viżiv fil-kampanja. | The pump chamber shall be constructed in recycled stone to reduce visual impact. |
| **2.7bB** | **TRADITIONAL WIND DRIVEN PUMPS** | |
| 2.7.5. | F'dan il-paragrafu tissemma l-**Awtorità.** Liema Awtorità hi din: dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra? | MEPA and its successors as per glossary. |
| **2.8** | **LAND FOR AGRICULTURAL USE** | |
| 2.7.6 | Taħt din it-taqsima dan il-paragrafu innumerat 2.7.6. li naħseb li jrid jiġi 2.8. Hawn ukoll tissemma l-**Awtorità**. Liema Awtorità hi din: dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra? | MEPA and its successors as per glossary. |
| **2.9** | **LAND DEMARCATION (AND SUBDIVISION OF PROPERTY) AND RUBBLE WALLS** | |
| | Fil-paragrafu tal-ftuħ tissemma l-**Awtorità.** Liema Awtorità hi din: dik tar-Riżorsi tal-Ilma,; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra?<br><br>F'dan il-paragrafu wkoll hemm referenza għall-ġebel qadim ta' bini mwaqqa' li jsta' jintuża għall-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Dan mhux konformi mal-Avviż Legali 160 tal-1997 dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Hemm xi ħsieb li din il-liġi tiġi revokata, jew li l-MEPA tagħti permessi li ma humiex konformi mal-bini ta' dawn il-ħitan?<br><br>Ninbarra l-fatt li l-karatteristika tal-ħitan tas-sejjieħ sejra tiddgħajjef, bl-impatt negattivi kollha tagħha, jidher li ma kienx hemm kontribut minn naħa tad-Direttorat tal-Ħarsien tal-Ambjent, għaliex kif spjegat fil-Avviż Legali dwar il-ħitan tas-sejjieħ hmwa meqjus bħala *habitat* li jgħati kenn lil numru ta' fawna u anki ta' flora kemm matul ix-xhur sħan tas-sajf kif ukoll matul dawk tax-xitwa.<br><br>Hawnhekk tispikka kif qed tingħata aktar attenzjoni lill-iżvilupp mill-aspett finanzjarju, għas-spejjes imħallsa mill-aspett ekoloġiku. | MEPA and its successors as per glossary.<br><br>The methodology of construction shall remain the same. It is a known fact that "gebel tax-xaghri" is difficult to find. The franka stone to be used shall be in random-sized irregularly shaped stone. |
| 2.9(2) | Ir-referenza għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ hija l-istess bħal dik ta' fuq 2.9. | Same as above. |
| 2.9(3) | Dawn l-imlieqi (*hedges*) għandhom ikunu magħmulin minn speċi ta' pjanti/siġar indiġeni Maltin, li jkunu mnissla minn siġar lokali. Dan biex ma jkunx hemm dħul ta' mard u speċi oħra invażivi, kif ukoll biex ma tiġix imniġġsa l-istruttura ġenetika ta' speċi indiġeni. | This can be a condition in the permit. |

| | | |
|---|---|---|
| 2.9(5) | Ir-referenza għall-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ hija l-istess bħal dik ta' qabel 2.9. | Same as above. |
| | Fil-paragrafu tal-aħħar hemm li x-xatbiet (*gates*) iridu jkunu approvatu u bil-permess. Ta' liema Awtorita? | Same as above. |
| 2.9(1) | Hawnhekk qed jiġi ġustifikat li minħabba li hemm nuqqas ta' gebel tal-gagazza allura wieħed jista' juża ġebel qadim tal-franka. Dan argument li jiġġustifika biss l-interess finanzjarju u mhux dak ekoloġiku. Minbarra li huma karatteristiċi tal-kampanja Maltija, il-ħitan tas-sejjiegħ kif mibnija tadizzjonalment huma wkoll ambjent ekoloġiku importanti Għalhekk ma għandhomx jinbnew bil-franka, u mingħajr ebda użu tas-siment. Dan ikun konformi mal-Avviż Legali 160 tal-1997 dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Hemm xi ħsieb li din il-liġi tiġi revokata, jew li l-MEPA tagħti permessi li ma humiex konformi mal-bini ta' dawn il-ħitan? | The use of franka stone is already explained above. |
| 2.9.2. | Hawnhekk jissemma *a narrow footpath.*: Naħseb li jkun għaqli li hawn jiġi speċifikat kemm għandu jkun dejjaq: metru, tnejn, tlieta. Dawn kollha jitqiesu li huma dojoq u huma miftuħa għall-interpretazzjoni. Naħseb li jkun għaqli li jitnizzel il-wisa' ta' din il-mogħdija. | This is an explanation paragraph. The policy mentions a maximum 30cms footpath. |
| 2.9.2. | Hawnhekk jerġgħu jissemmew l-imlieqi (*hedges*). Jekk il-biodiversità ta' pajjina verament trid tiġi mħarsa, anki skond obbligi nazzjonali u internazjonali, allura għandu jiżdied li dawn iridu jkunu ta' speċi indiġeni u mnissla minn speċi lokali. Dan għal raġunijiet kif spjegati aktar 'l fuq. | Same as above. |
| **2.10** | **ACCESS TO ARABLE FARM HOLDINGS** | |
| | Fil-ftuħ ta' dan il-paragrafu tissemma **Awtorità**. Liema Awtorità hi din: dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra? Mingħajr dubju minħabba li dawn il-passaġġi huma importanti għall-biodiversità, għandha tkun involuta wkoll l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent.<br><br>Il-legalizzazzjoni ta' attivitajiet li saru bla permess inħoss li huwa diskriminazzjoni soċjali. Minn kiser il-liġi sejjer jiġi ppremjat u l-ambjent u s-soċjetà sejrin iħallsu għal din l-illegalita. Barra minn hekk dawn sejrin jifthu l-kampnja beraħ u jagħmluha aktar diffiċli biex din tkun imħarsa skont obbligi nazzjonali u internazzjonali. | Same as above, ie MEPA or its successors.<br><br>These paths were constructed by the govt. and lead from the roads to fields. They are not on agricultural land. |
| 2.10.2 | Dawn ukoll sejrin jiftħu l-kampanja beraħ u jagħmluha diffiċli għall-ħarsien tagħha. Barra minhekk żoni bħal dawn jistgħu jkunu sensittivi mill-aspett ta' biodiversità. | The are lanes and not agricultural land. |
| 2.10(3) | Kif spjegajt qabel, dawn iż-żoni huma sensittivi, infatti hemm uħud minnhom li jħaddnu fihom speċi li huma mniżżla fil-listi tal-Unjoni Ewropa u li Malta bħala pajjiż imsieħeb għandha l-obbligi li tipproteġi. Minħabba f'hekk huwa importanti li l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent tkun involuta f'dawn il-permessi. B'disjpaċir ninnota li din l-Awtorita għall-ħarsien tal-Ambjent kważi ma tissemma xejn f'dan id-dokument ħlief darba. U huwa hawnhekk fejn hemm uħud li huma nkwetati b'dan id-dokument | Consultation shall be made with the Agriculture Dept. because this policy deals with arable land. |

| | | |
|---|---|---|
| | għaliex l-aspetti ekoloġiki ftit li xejn ingħataw importanza meta mqabbel ma' dak tal-iżvilupp. | |
| 2.10(4) | *Foot paths in compacted soil shall be created to facilitate access to the public.* Fil-kunċett dan mhux ħażin, imma wieħed irid ukoll joqgħod attent. Ngħidu aħna ma hemm l-ebda wisa' indikata tal-passaġġ. Passaġġi bħal dawn isiru b'mod naturali meta l-bidwi juża l-istess passaġġ. U dan ma jkunx aktar minn nofs metru. Wieħed irid ukoll jaħseb fl-uċuħ tar-raba' li ħafna drabi jsofru minnn nuqqas ta' ħsieb u għarfien tal-pubbliku.<br><br>Dan il-paragrafu qed jagħmilha bħala obbligu li dawn il-passaġġi jridu jsiru. U mhux sewwa li biex forsi jkun hemm passaġġ li jagħti għal xi *boutique* imsemmi f'dan id-dokument jinħolqu passaġġi biex dan jinqeda. Għalhekk wieħed għandu jistudja aktar dan il-paragrafu u jara kif filwaqt li l-pubbliku jkollu aċċess minn dan il-passaġġ dejjaq, il-bidwi jkollu serħan il-moħħ dwar il-ħarsien tal-prodott tiegħu. | Footpaths which are defined in the glossary shall be max 30cms wide as per previous policy.<br><br>Refer to glossary. |
| **PART 3** | **DEVELOPMENT RELATED TO WINE, OLIVE OIL, AND HONEY PRODUCTION** | |
| **3.2** | **WINERIES** | |
| **3.2A** | **New botique wineries** | |
| 3.2A(6) | F'dan il-paragrafu tissemma **Awtorità.** Liema Awtorità hija din: dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra?<br><br>Din terġa tissemma fl-għeluq ta' dan il-paragrafu.<br>Din tinkwetani ftit li tissemma b'mod regolari din l-Awtorità mingħajr ma din hija definita. U din tista' wkoll twassal (għalkemm ngħid li din hija *lapsus)* biex ikun hemm minn jinqeda bil-permessi għas-spejjes ta' Awtoritajiet oħra. Għalhekk nisuggerixxi li jkun hemm Bord ta' nies tekniċi mill-Awtoritajiet kollha konċernati u msemmija f'dan id-dokument, biex jifformaw din l-Awtorità kif imsemmija f'dan id-dokument. B'dekk id-deċizjonijiet u l-permessi maħruġa jkunu kollha trasparenti u sostenibbli.<br><br>Wisq nibża' li dawn il-*policies* ta' żvilupp huma indirizzati biċċa biċċa, u fejn hemm ukoll żvilupp ġdid possibli, sejjer ikollu impatt negattiv kbir fuq l-hekk imsejħa *Outside Development Zones,* kemm waqt il-bini tagħhom, kif ukoll matul l-użu tagħhom aktar u aktar mill-impatt mhux ikkontrollat jew meqjus taż-żjarat tal-pubbliku speċjalment fejn ma hemm xejn indikat kemm dawn jistgħu jkunu 'l bogħod mit-toroq asfaltati u kemm ikunu jistgħu jersqu lejhom bil-karozzi u makkinarju ieħor. Dawn il-kondizzjonijet għandhom jiddaħħlu fl-approvazzjoni ta' bini ġdid ta' dawn il-*wineries*, u azjendi oħra msemmija. Sfortunatament anki meta wieħed jaqra d-dokument, jara li l-aspett kummerċjali ngħata wisq aktar importanza minn dak soċjali u ekoloġiku bir-riżultat li dan qatt ma jista' jkun sostenibbli, minbarra li jagħmilha diffiċli biex l-obbligi ambjentali jkunu milħuqa. | MEPA and its successors.<br><br>Same as above.<br><br>Conditions shall be imposed on a case by case basis with restrictions as mentioned in the policy. It should be stated that the general policy 1.2C applies. |
| **3.2B** | **REDEVELOPMENT/CONVERSION OF BUILDINGS FOR BOUTIQUE WINERIES** | |
| 3.2b(1) | Hawnhekk jerġa jispikka n-nuqqas tal-intervent tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent. U tant jinħass in-nuqqas tagħha sa hawn, li qisu hemm xi ħsieb li ma jkunx hemm xkiel żejjed biex attivitjiet kummerċjali jingħataw il-permessi. Ma nistax nara raġuni | The policy deals with redevelopment on land which is already committed with a permitted |

| | | |
|---|---|---|
| | oħra valida għaliex din tħalliet barra kull fejn jidher li sejjer ikun hemm impatt negattiv ekoloġiku. Żgur li dan ma hux fl-interess tal-ħarsien tal-ambjent u fl-interess soċjali. | building. Therefore the impact is already there. Nothwithstanding, scheduled land is protected (para 5). |
| | Fl-aħħar paragrafu, jidher li filwaqt li hemm kull nuqqas ta' xkiel biex wieħed iħaffer taħt l-art għal raġunijiet biex jakkomodaw l-attività kummerċjali, ma hemm l-ebda ħjiel ta' xi deċiżjonijet biex tittaffa l-problema ta' nuqas ta' ilma u jinħażen l-ilma tax-xita li qed jiġi mormi l-baħar, u l-ilma li jintuża huwa dak li bi spejjes kbar kemm finanzjarji kif ukoll ta' problemi għall-pajjiż biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-atmosphera ta' gassijiet li l-pajjiz suppost jikkontrolla u jilħaq ċertu livell.<br><br>Jiddispjacini ngħid li dawn l-attivitajiet kummercjali qed jiġu mgħejjuna b'mod għami daqs li kieku dawn sejrin isolvu xi problema tal-pajjiż, imma fil-fatt qegħdin aktar jaggravawhom. | The use of basements is being permitted because there shall be no visual or ecological impact. Wineries were already part of the policy which is being revised. These are not new developments. |
| **3.3** | **OLIVE OIL PRODUCTION** | |
| 3.3(f) | Referenza oħra għall-**Awtorità** li ma għandha l-ebda definizzjoni. Liema waħda dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra?<br><br>Din terġa tissemma fl-aħħar paragrafu. | MEPA and its successors. |
| **3.3B** | **REDEVELOPMENT/CONVERSION OF BUILDINGS FOR OIL OLIVE PRODUCTION** | |
| 3.3.B (a) | Għal darba oħra terġa tispikka n-nuqqas tal-involviment tal-Awtorità għall-Ħarrsien tal-Ambjent. | Same as in the wineries. |
| 3.3.b | | |
| 3.3.2. | F'dan il-paragrafu jissemma konsultazzjoni. Ma min? Jekk il-konsultazjonijet ma jsirux b'viżjoni wiesgħa, imma jsiru biss mal-interessi diretti, allura kważi kważi jistgħu ma jsiru konsultazzjoni xejn. Jekk hu mixtieq li jkun hemm sinċerament deċiżjoni sostenibbli li tkun waħda li tieħu inkonsiderazzjoni l-għanijiet ekonomiċi, ekoloġiċi, u dawk soċjali, allura għandu jiġi indikat dawn il-konsultazzjonijiet ma' min għandhom isuru. | Consultation with the Agriculture Dept. because of the planting of olive trees. |
| **3.4** | **BEE KEEPING AND HONEY PROTECTION** | |
| **3.4A** | **New buildings for bee keeping and honey protection** | |
| 3.4(a) | Għal darb'oħra terġa tispikka n-nuqqas tal-involviment tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, issa b'mod regolari. | MEPA and its successors. |
| 3.4 | | |
| **3.3B** | **Redeveloopment/conversion of buildings for bee keeping and honey processing.** | |
| 3.3B(a) | Għal darb'oħra jerġa jispikka n-nuqqas tal-involviment tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, issa b'mod regolari u sistematiku. | Same as in wineries. |
| 3.3B(d) | Huwa tajjeb li dawn l-imlieqi (*hedges*) ikunu ta' speċi indiġeni imma kif spjegat aktar 'l fuq dawn għandhom ikunu mnissla minn eżemplari indiġeni li jikbru hawn Malta għal raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq. | Same as above. |

| | | |
|---|---|---|
| **PART 4** | **FARM DIVERSIFICATION** | |
| **4.2** | **New Farm Retail Outlets** | |
| 4.2.(d) | *Competent Authority* ma għandha l-ebda definizzjoni. Liema waħda dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra?<br><br>Għalkemm l-idea fl-aħħar paragrafu hija tajba, wisq nibża li dan mhux sostenibbli. Wara kollox kull bidwi għandu l-faċilità u l-permessi li jista' jbiegħ il-prodotti tiegħu. | The policy mentions the consultees specifically.<br><br>Permits are required. |
| 4.2.1. | l-argument huwa tajjeb imma bħal ma qed isir illum, ħafna minn dawn il-bdiewa u raħħala qed ikunu fuq it-tarf tat-triq bil-vetturi tagħhom ibiegħu l-prodotti tagħhom. Ħafna mill-bejgħ isir lil nies li jkunu għaddejjin. Jekk jingħata l-permess biex ix-xerrejja jidħlu ġewwa fl-għelieqi, allura sejjer jinħoloq impatt negattiv fuq iż-żoni 'l bogħod mit-toroq asfaltati. U ma naħsebx li dan hemm bżonnu. | A policy to regulate this was necessary. At present the vans are a traffic hazard apart from no regulation. |
| 4.2.2. | Ara 4.2.1. hawn fuq. | Same as above. |
| **4.3** | **VISITORS' ATTRACTIONS** | |
| **4.3A** | **Conversions to visitors' attraction** | |
| 4.3A(1) | Għal darb'oħra jerġa jispikka n-nuqqas tal-involviment tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, issa b'mod regolari. | MEPA and its successors. |
| 4.3A(5) | Referenza oħra għall-**Awtorità** li ma għandha l-ebda definizzjoni fid-dokument. Liema waħda dik tar-Riżorsi tal-Ilma; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra? | MEPA and its successors. |
| 4.3A(6) | Jekk il-*carrying capacity* tal-proġett tingħeleb allura dan ikun ta' detriment kemm għan-negozjunnifsu, għall-ekoloġija tal-post u anki jkollha impatt soċjali negattiv.<br><br>Dan ifisser li l-*footprint* tal-proġett sejra tikber u ma hemmx limitu għaliha. Din il-fragmentazzjoni ta' proġetti bħal dawn sejra jkollha impatti negattivi kbar għax sejra tiftaħ beraħ il-kampanja u b'impatt negattiv fuq l-ambjent ekoloġiku. Kif jista' wieħed iwessgħa l-post għall-*parking* mingħajr impatt negattiv fejn bl-użu ta' karozzi fuq il-post, il-ħamrija titbattam u ma jikberx ħaxix u bir-riħ u bix-xita tinġarr minn fuq il-post? | Policy 1.2C applies to this enterprise too.<br><br>Para 3 states that no extensions will be permitted. Grass blocks for parking instead of concrete shall be allowed for the reason mentioned. |
| | Fl-aħħar tal-paragrafu ta' din it-taqsima terġa tissemma għal darb'oħra **Awtorità** li ma għandha l-ebda definizzjoni. Liema waħda dik tar-Ri żorsi tal-Ilma,; dik tal-Ippjanar; dik tal-Ħarsien tal-Ambjent, jew xi Awtorità oħra? | MEPA and its successors. |
| **4.3B** | **New Visitor's attraction** | |
| 4.3B(ii) | Wieħed jista' faċilment jilħaq dan il-għan jekk il-*visitors centres* ikunu jintlaħqu mit-toroq asfsatati u jkun hemm wieħed għal kull żona, ngħidu aħna, għal kull żona tal-Kunsilli Lokalil jew reġjun. B'hekk ikun hemm il-gwadan tal-*economies of scale*. Hekk ikun hemm ukoll aktar konċentrazzjoni u l-prodotti jkunu jistgħu jiġu riklamati aħjar f'post wieħed mingħajr il-ħtieġa li l-kampanja | This is a Local Planning issue and in fact the policy makes reference to this. |

| | | |
|---|---|---|
| | tinfetaħ b'aktar toroq, żvilupp u traffiku mingħajr kontroll u mingħajr limitu. | |
| 4.3.1. | L-idea hija tajba imma din sejra tbati minn nuqas ta' *economies of scale* kif spjegat fil-4.3B(ii) | This is an explanation para not policy. |
| 4.3.2. | Dan ikun iktar jista' jintlaħaq faċli minn ċentru reġjonali u jkun jista' jsir aktar b'mod professjonali milli jekk ikun separat u fragmentat. Jista' wkoll ikun aktar mgħammar b'appart ta' IT li minnu jgawdu kull minn ikun interessat. L-*economies of scale* toffri aktar faċilitajiet u tnaqqas l-ispejjes lil individwi li jkunu mħajjra jużawh. | Noted. |
| **4.4** | **AGRO-TOURISM ACCOMODATION** | |
| **4.4** | **Agro-tourism accomodation** | |
| 4.4(2) | F'din it-taqsima jissemma Dipartiment/Awtorità. U hawnhekk wieħed jistaqsi liema department u liema Awtorità. | Due to the setting up of the farming enterprise, this could be arable or livestock which require different consultees. |
| 4.4.(4)(a) | Impatt ta' dan il-bini ġdid jista' jkun ukoll jekk dawn ma jkunux fil-livelli skedati. Dawn l-impatti jistgħu jkunu kemm ta' ħsejjes, dawk ta' traffiku, servizzi pubbliċi u oħrajn. Wieħed irid ukoll jieħu inkonsiderazzjoni n-*Natura 2000 sites* li mhux biss tirregola dawn l-attivitajiet ġewwa d-delineazzjoni tagħhom, imma anki dawk barra mid-delineazzjoni li jista' jkollhom impatt minn barra. Dawn ma jissemmew xejn f'din il-*policy guidance*. Barra minhekk ma hemm l-ebda restrizzjoni jew obbligazzjoni jew kondizzjoni f'dan id-dokument li jista' jindirizza dawn l-impatt negattivi.<br><br>Meta wieħed iqis il-mod kif l-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, li hija l-Awtorità Maltija Kompetenti għall-obbligi tal-*Environment Acquis* tal-Unjoni Ewropea, u kif din tħalliet barra minn numru ta' attivitajiet f'dan id-dokument, allura il-ħsara u l-qerda tal-ambjent naturali hija mistennija li tkun akbar. | Natura 2000 sites are included in the sheduled sites mentioned in this policy.<br><br>Scheduled sites are protected in the relevant policies and also in the general policies. |
| | **ADDITIONAL CRITERIA FOR ALL AGRO-TOURISM PROPOSALS** | |
| | Fl-ewwel paragrafu jerġa jispiċċa n-nuqqas tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent. U n-nuqas jidher aktar meta tissema l-Awtorità tat-trasport u hemm rabta mal-Awtorità tat-Trasport. Forsi hawnhekk wieħed jistaqsi jekk dan in-nuqqas ta' refreenza għall-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent ifisserx li r-respnsabbiltà u l-obbligi humiex sejrin jittieħdu kollha mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>L-użu u l-approvazzjoni ta' *grass blocks for parking* ukoll sejjer ikabbar il-*footprint* tal-proġett, mingħajr limitu u kondizzjoni skont kif spjegat aktar 'l fuq (e.g. 4.3B(ii)).<br><br>L-idea ta' *agro-tourism* hija tajba imma wieħed irid izomm f'moħħu l-karatteristiċi ta' din l-industrija. Dawk li jmorru għal dawn it-tip ta' turiżmu, ma jridux jaraw konglumerazzjoni u attivitajiet li jissuperaw l-industrija tal-agrikultura. Ma jridux ikunu ffullati, jew inkella jkunu f'ambjent li joffri aktar stress milli serħan. Il-mod kif dan qiegħed jiġi proġettat minn din il-policy tista' twassal li dan sejjer joqtol lilu nnisu qabel jitwieled. Ma hemmx kontrolli fuq il- | MEPA is mentioned. This includes its successors as per glossary.<br><br>Grass blocks are preferable to concrete.<br><br>New agro-tourism accommodation is limited to 60 tumoli of land and the buiding shall accommodate 7 to 10 rooms. |

| | | |
|---|---|---|
| | mimimu ta' nies li jkunu hemm, ma hemmx kontrolli fuq il-karozzi jew attivitajiet oħra ta' tniggiz: bħal ħoss, dawl, nuqqas ta' biodiversità. Wieħed irid iżomm f'moħħuwkoll li t-turisti li jmorru għal dan it-tip ta' turiżmu huma familjari ma; attivitajiet professjonali f'dan il-qasam fuq meded akbar, u din il-policy ma tantx tidher li qed tixhet dawl fuq hekk.<br><br>Il-biża' tiegħu huwa li wara li jingħataw dawn il-permessi għal din l-attività kummerċjali u din tfalli, ikun hemm talba għal *change of use*. | <br><br><br><br><br><br>Policy 1.2C safeguards this concern. |
| **PART V** | **ANIMAL SANCTUARIES, STABLES AND HORSE RIDING/SPORTS ESTABLISHMENTS** | |
| 5.1.2. | Wieħed hawnhekk irid iżomm f'moħħu l-impatt ta' numru ta' annimali (bhejjem) f'dawn is-santwarji, u stallel. Dawn ikunu jridu firxa wiesgħa biex jiġru u ma jkunux iridu jinżammu l-ħin kollu fl-istallel. Dan ifiseer li dawn l-inħawi jkunu mbattma minnhom matul iż-żmien. Barra minn hekk wieħed irid ukoll jaħseb għall-iskart organiku tagħhom, kif dan jitnaddaf, kif dan jiġi miżmum fuq is-sit, kif jitneħħa, fejn jintrema, jekk ikunx qrib l-ilma li jwassal għall-ilma tal-pjan, jekk ikunx hemm limitu għal kemm annimali jistgħu jinżammu, kondizzjonijiet veterinarji dwar il-moħqrija, u impatti ta' traffiku ta' makkinarji li jġorruhom 'l hawn u 'l hemm. Hemm bżonn ħafna aktar dettalji u ppjanar u mmaniġġar tal-inħawi qabel wieħed jista' jiġġustifika dawn l-attivitajiet u l-impatt tagħhom, u jekk hemmx xi limitu għall-dawn l-attivitajiet. Wieħed jistaqsi xhini l-*carrying capacity* mill-aspetti soċjali, kummerċjali u ekonomiċi f'dan il-qasam.<br><br>Barra minn hekk hemm ukoll obbligi tal-EU dwar in-nitrati u l-ilma li wkoll jindirizzaw dawn l-attivitjaiet u l-possibiltà tal-impatti negattivi fuqhom.<br><br>Wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li pajjiżna huwa żgħir u huwa limitat għall-attivitjaiet bħal dawn. Bħala eżempju jekk għanda tażża li tesa' litru ma hemm ebda mod kif din nimlewha b'żewġ litri, għax l-anqas l-ewwel liltru ma jkun utli. | These are conditions which should be imposed on a case by case basis in planning applications.<br><br><br><br><br><br><br><br><br><br>This is the reason why consultation with MRA is required.<br>Stables shall be in timber precisely for this reason and to ensure reversibility. |
| **5.1A** | **ANIMAL SANCTUARIES** | |
| 5.1A.(a) | Jiddispjaċini li għal darb'oħra terġa tispikka n-nuqqas tal-involviment tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent, issa b'mod regolari allarmanti. Hawnhekk ma nistax ma ngħidx li jidher biċ-ċar li l-esperti kompetenti f'dan il-qasam ma ingħatawx importanza li jistħoqilhom. U meta wieħed iqis li d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Ambejnt issa wasal biex jagħlaq sena bla Direttur, wieħed ma jiskantax b'dan in-nuqqas serju. | Scheduled land is protected as per policy. |
| **5.2** | **STABLES AND HORSES RIDING ESTBLISHMENTS** | |
| 5.2.1.(a) | Hawnhekk nixtieq nistaqsi jekk hemmx limitu għal dawn l-istallel u stabbilimenti oħra li jistgħu jingħataw liċenzja. U x'jiġri fil-każ li jkun hemm ħafna u wħud ifallu. Xi tkun il-pozizzjoni għal *change of use* tal-post. | As already stated, stables shall be in timber so no change of use may be allowed and reversibility ensured. |
| 5.2.4(e) | Il-paragrafu li jiġi wara dan jerġa b'mod issa tedjanti jelimina kull referenza għall-Awtorità għal-Ħarsien tal-Ambjent. | This is an explanation para and not policy. |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-kundizzjoni li l-istallel taż-żwiemel iridu jkunu bogħod ċertu distanza minn *bore holes* ma jfisser xejn. Wieħed irid jara wkoll li ma jkunx hemm tnixxigħat li jwasslu għall-widien u għall-postijiet oħra fejn jinġema l-ilma tax-xita li jisqi lill-ilma tal-pjan. | Consultation meetings were held with the MRA prior to the policy. |
| | L-użu ta' *grass block for parking* sejjer iżid il-*footprint* tal-attività b'impatt negattiv ambjentali kif spjegat aktar 'l fuq. | Grassblocks allow the vegetation to grow and are preferable to concrete. |
| | L-aħħar paragrafu jsemmi *riding school, paddock* u attivitajiet relatati magħhom. Hemm xi rotot, distanżi u kundizzjonijiet fejn dawn jistgħu jmorru, aktar u aktar meta fid-dokument jissemmew passaġġi biż-żrar, bil-kokkos u passaġġi fl-għelieqi, jew wieħed sejjer iħalli li jinqalgħu l-inċidenti u mbagħad wieħed jara kif dawn jissolvew. | These shall be located within the curtilage of the stables on unscheduled land, and not anywhere as implied. |
| 5.2.2. | Hawnhekk jissemmew wesgħat (*paddocks*) *where exercise areas are formed they should be surfaced in compacted soil.* U hawn irrid nistaqsi x'se jiġri mill-ilma tax-xita mniġġeż li jinżel fuq dawn il-wesgħat u li sejjer jinġarr 'l barra miż-żona, forsi anki sal-widien. U x'miżuri sejrin jittieħdu biex il-ħamrija ma tinġarx mir-riħ u mill-ilma tax-xita. | Consultation with the MRA is obligatory, as per policy. |
| 5.2.3 | L-approvazzjoni ta' *off road parking* huwa approvazzjoni ta' impatt negattiv fuq l-ambejnt, aktar u aktar meta ma hemm l-ebda kondizzjoni jew limitu sa fejn dan jista' jinfirex. B'esperjenza tal-mentalità lokali, sfortunatament anki dik politika, meta dan l-ambjent jiddegrada ruħu wieħed jgħid li ma għandux valur ekoloġiku jew soċjali aktar u għalhekk ma hemm l-ebda oġġezzjoni biex dan ikun jista' jiġi żviluppat. | This is an explanatory para and not policy. |
